Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 53 (II), miżmuma nhar it-Tnejn 30 t'April 2018 fis- 17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija

---

Preżenti

Membri Preżenti:

- Anne Marie Fenech — Sindku
- Daniel Grima — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Mandy Buħaġiar — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsillier

Membri Assenti

- Robert Piscopo — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunsillier
- Rodney Galea — Kunsillier

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

AĠENDA 53

53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

53.5 Rapporti;

53.5.1 PA's

53.5.2 Rapport tal Bord tal-Infrastitura

53.5.3 Proposta tal-Blue Waters

53.5.4 Rapport ta' thalassalejn

53.5.5 Measure 4.3 – WSC update

53.5.6 TCTC

53.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

53.6.1 Approvazzjoni għat-Tenders / Quotations

53.6.1.1 Collection of household waste T 02

53.6.1.2 Sweeping Tender T 04

53.6.1.3 Soft area Tender T 05

53.6.1.4 Cold Asphalt T 06 ready for publication

53.6.1.5 Soft area Tender T 05

53.6.1.6 Bulky Refuse T 07

53.6.1.7 Contracts Manager T 08

53.6.1.8 Footpaths T 09

53.6.1.9 Servizz Legali

53.6.1.10 Transport tal-Anzjani (Quotation)

53.6.1.11 Ticketing System

53.6.1.12 Deċizjoni dwar il-Bord tal-Evalwazzjonijiet

53.6.1.13 Approvazzjoniji għal-ingagg ta' ħaddiema (replacement)

53.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

53.7.1.1 Skeda tal-pagamenti

Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

---

Minuti 53 (II)

**53.5.6 TCTC - Robotica and Coding**

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat id-dettalji dwar il-korsijiet ta' Robotica u Coding li qedin jiġu offruti minn TCTC. Spjegat li l-Kunsill huwa mitlub li iħallas l-ammont ta' €2000 u €50 għal kull tifel/tifla li japplika/tapplika.

Il-Kunsillier Paul Bugeja talab li l-Kunsill għandu jisponsorja l-kors kollu nkluz anka dawk il-50 Ewro ta' kull tifel u tifla ta dawk ir-residenti li għandom l-id card fuq din il-lokalita.

Il-Kunsill approva li jsiru 2 korsijiet, bil-kundizzjoni li wieħed mil-ġenituri ikun bl-ID Card fuq din il-lokalita u li l-applikant ikun spiċċa l-kors b'ċertifikat sabiex ikunu rimborsati dawn il 50 Ewro msemmijien hawn fuq.

Il-Kunsillier Mandy Buhagiar staqsiet jekk il-Kunsill huwiex responsabbli ta' l-equipment u l- ADSE ikonfermat li dik kienet waħda mil-kundizjonijiet fil-kuntratt u li l-Kunsill qiegħed jistenna tweġiba mgħand l-kumpanija tal-insurance.

## 53.6.1.11 – Ticketing System

L-ADSE irrimarkat li minħabba tibdil fil-ligi ta' data protection it-ticketing system ser tinzamm on hold għal aktar il-quddiem .

## 53.6.1.12 - Deċizjoni dwar il-Bord tal-Evalwazzjonijiet

Il-Kunsillier Galea nformat li dan l-item diġa ġie ezawrit fil-laqgħa ta'qabel u li għandu jitla fl-Agenda ta' laqgħa ohra. Il-Kunsillier Paul Bugeja qabel.

## 53.6.1.13 - Approvazzjoniji għal-ingagg ta' ħaddiema (replacement)

Is-Sindku spjegat li l-ħaddiema tal-Kunsill iridu ikunu 9+1. L-ADSE informat li diġa hemm sitt ħaddiema fil-post u staqsiet lil Kunsilliera x'jaħsbu li għandom ikunu l-calls għal erbgħa postijiet vakanti li fadal.

Il-Kunsill approva li joħorgu calls għal 2 skrivani, 1 Executive Officer u 1 Assistant Principal.

## 53.7.1.1 – Skeda tal-pagamenti

Il-Kunsillier Paul Bugeja irrimarka li għal darboħra qiegħed isaqsi biex jinkiteb total wieħed tal-fuel ta' kull karozza anka apparti mil-iskeda tal-pagamenti imma t-total irid ikun miktub.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk l-karozza hiex qed tintuża. Is-Sindku informat li ħarġu l-kwotazzjonijiet biex tiġi msewija l-karozza tal-Kunsill iżda ħadt ma wera nteress. Il-Kunsillier Paul Bugeja ssuġġerixxa li t-transport tal-Kunsill għandu jitnizzel f'Agenda oħra.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li għandom jinxtraw 16 il-siġġu għal mal-mejda ta' fuq. Il-Kunsill qabel.

L-Iskeda ġiet approvata mil-proponent Kunsilliera Daniel Grima u sekondata minn Dounia Borg.

53. 8 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiccat fis -18.10 u l-laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar il-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ___________________ | ________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |